**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 734/2007**

**Dottor Michelle Tabone bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur ta' l-Entitajiet Djoċesani kollha ta' Malta, f'isem u fl-interess ta' l-Ospizio Saura tar-Rabat**

**vs.**

**Sanfred Company Limited u b'digriet tal-11 ta' Diċembru, 2007 il-Qorti laqgħet it-talba biex jiġu kjamati fil-kawża Carmelo sive Lino Delia, Anthony Cassar Desain, Ann mart Mario Said, Michael Cassar Desain, Christine mart Carmel sive Lino Delia, Lawrence Cassar Desain, Veronica mart Bernard Von Brockdorff u Nathalie mart Paul Savill u Evelyn armla minn James Cassar Desain**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment tal-qorti dwar jekk huwiex il-każ li jitħassar c*ontrario imperio* d-digriet tal-**<u>11 ta' Diċembru, 2007</u>**, li bis-saħħa tiegħu ġew imsejħa fil-kawża Carmelo sive Lino Delia, Anthony Cassar Desain, Ann mart Mario Said, Michael Cassar Desain, Christine mart Carmel sive Lino Delia, Lawrence Cassar Desain,

Veronica mart Bernard Von Brockdorff u Nathalie mart Paul Savill u Evelyn armla minn James Cassar Desain;

***Daħla***

2. Jissokta jingħad, li l-kawża nbdiet b'rikors maħluf imressaq fis-**6 ta' Lulju, 2007**, fejn fih l-attriċi *nomine* kkontestat it-trasferiment ta' għalqa, li tagħmel parti mit-territorju magħruf bħala tal-Qajjenza f'Birżebbuġia, li seħħ b'kuntratt tas-26 ta' Marzu, 1991. Il-kontestazzjoni saret għaliex l-attriċi *nomine* ssostni li parti minn din l-għalqa li ġiet trasferita b'dan il-kuntratt tappartjeni lill-Ospizio Saura tar-Rabat;

3. Il-kumpannija konvenuta, li xtrat l-għalqa bil-kuntratt tal-1991, laqgħet għal din il-kawża bi tweġiba maħlufa mressqa fis-**6 ta' Awwissu, 2007**. F'waħda mill-eċċezzjonijiet, hija talbet biex fil-kawża jissejħu dawk kollha li biegħulha fuq il-kuntratt tal-1991 (ara paġna 15 tal-atti). Hija semmiet b'kollox disa' persuni biex jiddaħħlu fil-kawża;

4. B'digriet mogħti fil-**11 ta' Diċembru, 2007** (ara paġna 150 tal-atti), din il-qorti b'Imħallef differenti, ordnat li jissejħu fil-kawża l-bejjiegħa kollha indikati mill-kumpannija konvenuta fir-risposta tagħha;

5. Mill-atti tal-kawża jidher li l-kumpannija konvenuta ppruvat tinnotifika wieħed biss mid-disa' bejjiegħa li ssejħu fil-kawża u dan fid-**29 ta' Jannar, 2008**. Din in-notifika iżda ħarġet negattiva (ara paġna 152 tal-atti). Minn dakinhar sal-lum ma jidhirx li l-kumpannija konvenuta wettqet tentattiv ieħor ta' notifika;

6. Sadattant b'kuntratt tas-**<u>27 ta' Ġunju, 2008</u>** (ara paġni 160 sa 168 tal-atti), il-kumpannija konvenuta u l-imsejħin fil-kawża qablu bejniethom li jħassru parti mit-trasferiment tal-art, bil-kejl ta' 4990 m.k., li seħħ bil-kuntratt tas-26 ta' Marzu, 1991;

7. Minħabba li sar dan il-kuntratt, il-mertu tat-tilwima bejn l-attriċi *nomine* u l-kumpannija konvenuta ntemmet. Baqgħet iżda pendenti bejniethom il-kwistjoni dwar min għandu jerfa' l-ispejjeż tal-kawża (ara l-verbal tal-**<u>24 ta' Novembru, 2011</u>** f'paġna 176 tal-atti u l-verbal tal-**<u>25 ta' Ġunju, 2015</u>** f'paġna 220 tal-atti);

8. B'ordni tal-Prim Imħallef mogħti fis-**<u>7 ta' Lulju, 2021</u>** din il-kawża ġiet trasferita lill-Imħallef hawn taħt iffirmat (ara paġni 900 u 901 tal-atti);

9. B'digriet mogħti fit-**<u>28 ta' Lulju, 2021</u>** skont l-**artikolu 173 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, din il-qorti ordnat lill-attriċi *nomine* u lill-kumpannija konvenuta sabiex jipprovdu tagħrif permezz ta' nota, dwar jekk għadx hemm aktar ħtieġa li jissejħu fil-kawża l-bejjiegħa kollha fuq il-kuntratt tas-26 ta' Marzu, 1991;

10. L-attriċi *nomine* wieġbet fit-**<u>3 ta' Awwissu, 2021</u>** u sostniet li t-talba biex jissejħu persuni oħra saret mill-kumpannija konvenuta u mhux minnha;

11. Min-naħa l-oħra, il-kumpannija konvenuta wieġbet fit-**<u>12 ta' Awwissu, 2021</u>** u saħqet li għaliha ma hemmx aktar il-ħtieġa tas-sehem tal-imsejħin fil-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

12. Id-digriet tal-**<u>11 ta' Diċembru, 2007</u>**, li permezz tiegħu ġew imsejħin fil-kawża numru ta' persuni, huwa wieħed ta' għamla interlokutorja u għalhekk bil-liġi dan ma jorbotx lill-qorti (ara ***Olga Caruana v. George Gauċi*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar, 2011). Ifisser allura li digriet bħal dan jista' jiġi mħassar *contrario imperio* skont l-**artikolu 230 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

13. Intqal dwar dan il-punt mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***John Camilleri noe v. Charles Vassallo*** mogħtija fl-10 ta' Mejju, 2006 li,

> *«Minħabba li l-provvediment li bih tordna s-sejħa fil-kawża ta' persuna huwa wieħed interlokutorju, il-Qorti tista' wkoll tibdel il-fehma tagħha jew titbiegħed minn dik l-ordni fi stadju ieħor tal-kawża (App. Ċiv. 4.12.1998 fil-kawża fl-ismijiet* ***Abela v. Valentino et*** *(Kollez. Vol: LXXXII.ii.1202)).»*

14. Illi fil-każ tagħna, is-sejħa fil-kawża ġiet awtorizzata fil-11 ta' Diċembru, 2007 u aktar minn tlettax-il sena wara, l-imsejħin fil-kawża baqgħu ma ġewx notifikati bil-kawża. Kulma sar huwa tentattiv wieħed biss ta' notifika, fid-29 ta' Jannar, 2008, fuq persuna waħda, fost disa' persuni li ġew imsejħin fil-kawża;

15. Issa jekk fis-sentenza ***Joseph Gaffarena et v. Mixer Limited*** deċiża fis-16 ta' April, 2004, il-Qorti tal-Appell kienet sabet li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ġustifikata li tħassar digriet ta' sejħa fil-kawża għaliex min talab is-sejħa ħalla erba' xhur sħaħ qabel ma pprova jwettaq in-notifika fuq l-imsejħa fil-kawża, kemm huwa aktar mistħoqq li jitħassar f'dan il-każ digriet ta' sejħa fil-kawża li baqa' ma ġiex imwettaq għal aktar minn tlettax-il sena;

16. Terġa' u tgħid, f'dan il-każ il-kumpannija konvenuta li kienet talbet għas-sejħa ta' nies oħra fil-kawża, iddikjarat hija stess fin-nota tagħha tat-12 ta' Awwissu, 2021, li hija m'għadhiex aktar interessata fis-sejħa ta' terzi persuni f'din il-kawża;

17. Barra minn hekk, jidher ukoll li l-unika kwistjoni li donnha għad fadal bejn il-partijiet, għallinqas kif iddikjarat minnhom fil-verbali tal-**<u>24 ta' Novembru, 2011</u>** u tal-**<u>25 ta' Ġunju, 2015</u>** hija l-kwistjoni marbuta mal-ispejjeż tal-kawża. Għalhekk anke minn dan l-aspett ma jidhirx li hemm bżonn ta' terzi li jidħlu f'din il-kawża;

18. F’ċirkostanzi bħal dawn għalhekk jirriżulta ċar li skont l-**artikolu 230 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** jeżistu raġunijiet tajba biex jitħassar id-digriet mogħti fil-11 ta’ Diċembru, 2007;

**Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, bit-tħaddim tal-artikolu 230 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, din il-qorti qiegħda tħassar *contrario imperio* d-digriet mogħti fil-11 ta’ Diċembru, 2007 dwar is-sejħa ta’ terzi persuni f’din il-kawża.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 13 ta’ Awwissu, 2021.**

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**